MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Numru 28/2015

**SPETTUR DARYL BORG**

**VS**

**RAYMOND DESIRA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Raymond Desira ta’ 58 sena, bin Joseph u Josephine nee’ Agius, mwieled Pieta’ fit-8 ta’ Marzu 1957, residenti 105, Triq ir-Rifugjati tal-Gwerra, Mosta u detentur tal-Karta tal-Identita’ bin-numru 193357M;

Talli fis-16 ta’ Jannar 2013 u fil-jiem, gimghat u/jew xhur ta’ qabel din id-data, f’dawn il-Gzejjer, quddiem l-Arbitru Dr Gabrielle Buttigieg LL.D u/jew persuni ohra;

1) Halef falz f’materja civili;
2) Ghamel affidavit falz meta kien jaf li dak l-affidavit huwa mehtieg jew mahsub ghall-proceduri civili;
3) Ukoll talli halef falz quddiem l-Arbitru Dr Gabrielle Buttigieg LL.D fil-kawza Josephine Fenech VS Raymond Desira;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat l-istqarrija tal-imputat esebita fl-atti;

Rat illi x-xhud ewlenija f'din il-kawza ma setghetx taghti x-xiehda taghha;

Rat is-sentenza tat-Tribunal tal-Konsumatur datata 17 ta' April 2013;

**Ikkunsidrat;**

Illi x-xhud ewlenija f'din il-kawza, l-Avukat Gabrielle Buttigieg, iddikkjarat li ma setghetx tixhed f'dawn il-proceduri, peress illi hi kienet l-arbitru fil-kawza fit-Tribunal tal-Konsumatur, u bhala gudikant f'dik il-kawza ma setghetx taghti x-xiehda taghha f'din il-kawza quddiem din il-Qorti. Peress illi din il-kawza kienet bdiet proprju minhabba rapport li hi kienet ghamlet bhala gudikant ta' dak it-tribunal, u peress illi hi ma setghetx tixhed f'dawn il-proceduri, din il-Qorti kellha prova essenzjali li kienet hekk giet nieqsa. Minghajr tali prova, jew xi provi ohra konra l-imputat, din il-Qorti m'ghandhiex triq ohra hlief li ma ssibx lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 106(1), 106 (3) u 108 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------